**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 136/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ivan Zahra**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Ivan Zahra, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 519377M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu gew magħmula b'reżoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Lulju 2020 sa Settembru 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Anna Cassar u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi zmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti ddikjarat il-proċediment eżawrit u dana wara li rat in-nota ta' ċessjoni tal-parte ċivile fejn innotat li ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet dwar l-arretrati dovuti ta' manteniment.

Rat ir-rikors tal-appellant, l-Avukat Ġenerali ppreżentat fil-25 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi mill-każ skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fir-rikors tal-appell tiegħu, l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi fil-każ taht il-lenti tal-Qorti ir-reat addebitat lill-appellat kien wieħed li jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali. Jikkontendi ukoll li n-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment huwa reat kontra l-ordni pubbliku u għalhekk il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni dwar dan ir-reat "*ex officio*". L-Avukat Ġenerali jargumenta li dan lanqas ma kien il-każ fejn il-parte ċivile rrinunzjat espressament għall-azzjoni kriminali fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li sar ir-reat. Għalhekk dan kien ifisser, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiddisponi mill-kaz billi tiddikjara l-proċediment eżawrit.

Illi il-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-ilment minnu ventilat. Ir-reat li bih ġie mixli l-appellat huwa dak imnissel mill-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali li huwa wieħed mir-reati kontravvenzjonali kontra l-ordni pubbliku. Hekk kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Carmel Pace" deċiża fit-30 ta' Novembru 2011:-

> **Kif ripetutament affermat minn din il-Qorti, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u wiehed li l-pulizija jistghu jipprocedu fir-rigward tieghu ex officio u anke minghajr il-kwerela tal-parti leza (ghalkemm bhala fatt, peress li l-koppji li jkunu jinsabu f'din is-sitwazzjoni, ma jkollhomx pulizija erbgha w ghoxrin siegha maghhom, dawn il-proceduri invarjabbilment jibdew bi kwerela tal-parti leza). L-obbligu tal-hlas tal-manteniment johrog direttament mis-sentenza**

> **tal-Qorti Civili (jew mill-kuntratt pubbliku, skond il-kaz), u ma hemm assolutament ebda necessita` li min ikun ser jircievi dak il-manteniment joqghod jitolbu jew jigri warajh. L-uniku prerekwizit ghall-procedibbilita` li l-ligi timponi huwa t-trapass ta' hmistax-il jum mid data li fiha l-manteniment kellu jithallas. Xejn aktar.**

B'hekk huwa stat ta' fatt li r-reat addebitat lill-appellat huwa wieħed prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio* u dana ai termini tal-Artikolu 543(d) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li fil-każ ta' dan ir-reat, il-Pulizija tista' tmexxi l-azzjoni penali anke mingħajr il-kwerela tal-parti offiża.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jemerġi illi fl-uniku seduta li saret quddiem l-Ewwel Qorti u ċioe' nhar it-3 ta' Mejju 2021, ebda wieħed mill-partijiet ma dehru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, għajr għall-Uffiċjal Prosekutur u l-avukat tal-parti leża, meta jingħad fil-verbal tas-seduta li ġiet ippreżentata nota ta' ċessjoni f'isem il-parti leża mill-avukat tagħha li ġiet immarkata bħala Dokument AMG1. Illi madanakollu tali nota ta' ċessjoni, jew kopja ta' l-istess, għal xi raġuni, ma tinsabx inserita fl-atti. Dan seħħ, x'aktarx, għaliex ġiet ippreżentata nota waħda li ġiet inserita fl-atti li kienu mexjin kontestwalment ma' dan il-każ li jikkonċerna mertu simili u minn liema proceduri ġie intavolat ukoll appell mill-Avukat Generali, liema appell ġie trattat ukoll kontestwalment quddiem din il-Qorti u li jġib in-numru 139/2021. Jibqa' l-fatt, madanakollu, illi f'dan il-każ ma hemm ebda nota ta' ċessjoni fl-atti għalkemm fil-verbal jigi dikjarat li dan seħħ.

Illi mill-verbal ta' din l-istess seduta, jidher illi l-Prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-parti leża hija xhud ewlenija f'din il-kawza u għalhekk debitament notifikata sabiex tidher għas-seduta ta' dakinhar, kellha tattendi sabiex il-każ jistema' skont il-liġi. Peress li din baqgħet ma dehritx, l-Uffiċjal Prosekutur talbet lill-Ewwel Qorti sabiex jinħareġ mandat ta' akkompanjament fil-konfront tagħha sabiex tattendi għas-seduta li jmiss. Minkejja din it-talba pero', l-Ewwel Qorti għaddiet biex tiddikjara l-proċediment ezawrit wara li nnutat li, skond in-nota ta' ċessjoni, li kif ingħad lanqas tinstab fl-atti, kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet dwar l-arretrati tal-manteniment dovut.

**Ikkunsidrat:**

Illi, din il-Qorti tirrileva illi Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tiddikjara proċediment estint (aktar mill-eżawrit) fis-segwenti kazijiet:

i) Meta l-akkuzat ikun miet fil-mori tal-proċess jew qabel.
ii) Meta tiġi rtirata l-kwerela, imma biss f'dawk il-kazijiet fejn il-proċediment ma jkunx jista' jinbeda' jew jitmexxa' mingħajr il-kwerela tal-parti leza.
iii) Meta tingħata il-maħfra.
iv) Meta l-azzoni tiġi ddikjarata preskritta.
v) Meta jkun hemm ir-*res judicata*.

Illi, il-fatt li imputat ikun għamel il-pagamenti dovuti minnu skont il-liġi tal-manteniment wara li jkun għadda t-terminu stabbilit mill-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali, ma jeżentahx mir-responsabbilta' penali. Jekk tinġieb prova sodisfaċenti sal-grad rikjest mill-Liġi li tali ħlasijiet saru, il-Qorti tista' tieħu dan il-fatt in konsiderazzjoni meta tiġi biex tinfliġġi l-piena, pero' fl-ebda ħin ir-responsabbilita' kriminali tal-imputat ma tiġi estinta[1]. Jikkonsegwi, għalhekk, li f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta ddikjarat l-proċediment eżawrit minħabba l-fatt li kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet dwar l-arretrati dovuti u dan għaliex, tenut kont tal-fatt illi l-azzjoni kriminali odjerna hija waħda prosegwibbli *ex officio* mill-pulizija, hija kellha tidħol biex tqies jekk ir-reat kienx xortawaħda jissussisti u ċioe' jekk il-ħlas tal-manteniment sarx oltre it-terminu preskritt fil-liġi. Jekk dan jirriżulta, allura l-imputat xortawaħda huwa ħati tar-reat lilu addebitat.

Illi dan ifisser illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-aggravju minn imqanqal. Illi għalkemm l-azzjoni penali kif imfassla fl-artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali tiġi ħafna drabi inizjata fuq rapport jew kwerela mill-parti leża u dan meta hija ma tkunx tħallset il-manteniment dovut lilha u lil uliedha, u dan skont ordni ta' Qorti jew kuntratt ta' separazzjoni, madanakollu ġaladarba l-Prosekuzzjoni tkun mexxiet bl-azzjoni penali l-prosegwiment tal-prosekuzzjoni tal-każ ma jibqax f'idejn il-parti leża, li hija biss xhud fil-kawża. Dan ifisser li bħal kull xhud ieħor hija għandha obbligi skont il-Liġi li tidher quddiem il-Qorti kull meta hija tkun ordnata tagħmel dan u dan

---

[1] "Il-Pulizija vs. Karl Bonello", Qorti tal-Appell Kriminali, 21 ta' Novembru 2005 u "Il-Pulizija vs. Jesmond Vella", Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Marzu 2015.

anke jekk fil-mori il-pretensjoni tal-ħlas tkun ġiet sodisfatta. Kif ġja intqal aktar 'il fuq, dan ir-reat huwa meqjus bħala reat kontra l-ordni pubbliku u dan għaliex huwa meqjus bżala sfida mill-awtur tar-reat lejn ordni tal-Qorti, liema ordni ma tkunx ġiet osservata. Ġaladarba x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, ċioe l-parte ċivile, kienet debitament notifikata u ma dehritx għas-seduta skedata, l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tħalli s-smigħ tal-kawza għall-ġurnata oħra, tordna li għal dik l-istess seduta jidher l-imputat u li x-xhud tinġieb quddiemha, sabiex il-każ jiġi deċiż skond il-liġi. L-Ewwel Qorti għalhekk ma setgħet qatt tiddikjara l-proċediment ezawrit, kif filfatt għamlet u dan iktar u iktar fl-assenza tal-imputat.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tgħaddi biex tiddikjara l-proċeduri quddiem l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll s-sentenza appellata bħala nulli u bla effett skont il-liġi, u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, tordna li l-atti jiġu rinvijati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex il-kaz jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skond il-liġi.

Edwina Grima

Imħallef